

II

(Komunikazzjonijiet)

KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI
U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

**Avviż tal-Kummissjoni li jemenda l-Linji Gwida tal-Unjoni Ewropea għall-Għajnuna mill-Istat
fis-setturi tal-agrikoltura u tal-forestrija u fiż-żoni rurali mill-2014 sal-2020**

(2018/C 139/02)

Il-Linji Gwida tal-Unjoni Ewropea għall-Għajnuna mill-Istat fis-setturi tal-agrikoltura u tal-forestrija u fiż-żoni rurali mill-2014 sal-2020 ⁽¹⁾ huma emendati kif ġej:

(1) fil-punt (75), jiżdied il-punt (s) li ġej:

“(s) għajnuna għall-parteċipazzjoni ta’ bdiewa attivi fi skemi tal-kwalità għall-qoton u l-oġġetti tal-ikel, f’konformità mat-Taqsima 3.8 tal-Parti II.”;

(2) fil-punt (93), l-ewwel sentenza hija sostitwita b’dan li ġej:

“L-Istati Membri jistgħu jiffissaw l-ammont ta’ għajnuna għall-miżuri jew tipi ta’ operazzjonijiet imsemmijin fit-Taqsimiet 1.1.5, 1.1.6, 1.1.7, 1.1.8, 2.1.1, 2.1.2, 2.2, 2.3, 3.4 u 3.5 tal-Parti II ta’ dawn il-Linji Gwida fuq il-bażi ta’ suppożizzjonijiet standard ta’ spejjeż addizzjonali u dħul mitluf.”;

(3) il-punt (503) huwa sostitwit b’dan li ġej:

“(503) Għajnuna għall-investimenti tal-forestrija li hija kofinanzjata skont il-FAEŻR, jew mogħtija bħala finanzjament nazzjonali addizzjonali għal għajnuna kofinanzjata bħal din, tista’ tkopri spejjeż eliġibbli oħrajn apparti minn dawk imsemmija fil-punt (502)(a) sa (e), sakemm dawk l-ispejjeż huma kompletament eliġibbli skont ir-Regolament (UE) Nru 1305/2013 u li l-għajnuna hija identika għall-miżura sottostanti inkluża fil-programm tal-iżvilupp rurali approvat skont dak ir-Regolament. Fejn għajnuna bħal dik tingħata fil-forma ta’ strumenti finanzjarji, tista’ tkopri wkoll l-ispejjeż imsemmija fil-punt 502(f).”;

(4) l-intestatura tat-Taqsima 2.1.2 tal-Parti II hija sostitwita b’dan li ġej:

“2.1.2. Għajnuna għall-istabbiliment, ir-riġenerazzjoni jew ir-rinnovazzjoni ta’ sistemi tal-agroforestrija”;

(5) il-punt (513) huwa sostitwit b’dan li ġej:

“(513) Il-Kummissjoni se tqis l-għajnuna għall-istabbiliment, ir-riġenerazzjoni jew ir-rinnovazzjoni ta’ sistemi tal-agroforestrija kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikolu 107(3)(c) tat-Trattat jekk tikkonforma mal-prinċipji komuni ta’ valutazzjoni ta’ dawn il-Linji Gwida u mal-kundizzjonijiet li ġejjin.”;

(6) il-punt (516) huwa sostitwit b’dan li ġej:

“(516) L-għajnuna tkopri l-ispejjeż tal-istabbiliment, tar-riġenerazzjoni jew tar-rinnovazzjoni u jista’ jingħata primjum annwali għal kull ettaru biex ikopri l-ispejjeż ta’ manutenzjoni għal perjodu massimu ta’ ħames snin.”;

(7) il-punt (518) huwa sostitwit b’dan li ġej:

“(518) L-għajnuna tista’ tkun limitata għal massimu ta’ 80 % tal-ammont tal-ispejjeż ta’ investiment eliġibbli għall-istabbiliment, ir-riġenerazzjoni jew ir-rinnovazzjoni ta’ sistemi tal-agroforestrija, u sa 100 % tal-ammont tal-primjum annwali.”;

⁽¹⁾ ĠU C 204, 1.7.2014, p. 1.

(8) wara l-punt (536), jiddaħħal il-punt (536a) li ġej:

“(536a) Il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punti (534), (535) u (536) ma japplikawx għal għajjnuna li hija kofinanzjata skont il-FAEŻR, jew mogħtija bħala finanzjament nazzjonali addizzjonali għal għajjnuna kofinanzjata bħal din, u li tingħata fil-forma ta' strumenti finanzjarji.”;

(9) fil-punt (565), tiżdied it-tieni sentenza li ġejja:

“L-infrastruttura installata b'riżultat ta' dimostrazzjoni tista' tintuża wara li titlesta l-operazzjoni.”;

(10) wara l-punt (567), jiddaħħal il-punt li ġej:

“(567a) Għajjnuna għal proġetti ta' dimostrazzjoni li hija kofinanzjata skont il-FAEŻR, jew mogħtija bħala finanzjament nazzjonali addizzjonali għal għajjnuna kofinanzjata bħal din, u li tingħata fil-forma ta' strumenti finanzjarji, tista' tkopri spejjeż eliġibbli oħrajn apparti minn dawk imsemmija fil-punt (293)(d)(i) sa (iv) tat-Taqsima 1.1.10.1, sakemm dawk l-ispejjeż huma kompletament eliġibbli skont ir-Regolament (UE) Nru 1305/2013 u li l-għajjnuna hija identika għall-miżura sottostanti inkluża fil-programm tal-iżvilupp rurali approvat skont dak ir-Regolament.”;

(11) wara l-punt (569), jiddaħħal il-punt li ġej:

“(569a) Għajjnuna li hija kofinanzjata skont il-FAEŻR, jew mogħtija bħala finanzjament nazzjonali addizzjonali għal għajjnuna kofinanzjata bħal din, tista' titħallas lill-Awtorità ta' Ġestjoni msemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 65(2) tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013.”;

(12) fil-punt 635, il-kliem introdutturju huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Ħlief fil-każ fejn l-għajjnuna tingħata fil-forma ta' strumenti finanzjarji, u sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, l-ispejjeż eliġibbli għall-miżuri ta' għajjnuna għall-investment fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Kapitolu 3 tal-Parti II ta' dawn il-Linji Gwida jridu jkunu limitati għall-ispejjeż li ġejjin.”;

(13) il-punt (636) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(636) Ħlief fil-każ fejn l-għajjnuna tingħata fil-forma ta' strumenti finanzjarji, spejjeż, minbarra dawk imsemmija fil-punt (635), marbuta mal-kuntratti ta' lokazzjoni, bħall-marġni tal-lokatur, l-ispejjeż ta' rifinanzjament tal-interessi, l-ispejjeż ġenerali u l-imposti tal-assigurazzjoni mhumiex se jitqiesu bħala spejjeż eliġibbli.”;

(14) wara l-punt (642), jiddaħħal il-punt (642 a) li ġej:

“(642a) Fejn l-għajjnuna tingħata fil-forma ta' strumenti finanzjarji, l-input fil-proċess tal-produzzjoni jista' jkun ukoll prodott mhux agrikolu bil-kundizzjoni li l-investment jikkontribwixxi għal prijorità tal-iżvilupp rurali waħda jew iktar tal-Unjoni.”;

(15) wara l-punt (644), jiddaħħal il-punt (644 a) li ġej:

“(644a) Fir-rigward tal-investimenti tal-infrastruttura msemmija fil-punt (644)(b), (d) u (e), fejn l-appoġġ jingħata fil-forma ta' strumenti finanzjarji, l-għajjnuna mhix limitat għal infrastruttura fuq skala żgħira.”;

(16) fil-punt (645), tiżdied it-tieni sentenza li ġejja:

“Pjanijiet bħal dawn mhumiex meħtieġa fir-rigward tal-investimenti li għalihom l-appoġġ jingħata fil-forma ta' strumenti finanzjarji.”;

(17) fil-punt (654), tiżdied it-tielet sentenza li ġejja:

“Il-pjan ta' direzzjoni tan-negozju għandu jkollu durata massima ta' ħames snin.”;

(18) fil-punt (656), l-ewwel sentenza hija sostitwita b'dan li ġej:

“L-għajjnuna trid titħallas f'żewġ hłasijiet parzjali mill-inqas.”;

(19) il-punt (663) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(663) L-għajjnuna lill-impriżi f'żoni rurali li mhumiex attivi fis-settur agrikolu tista' tingħata għall-konservazzjoni u għall-użu sostenibbli u l-iżvilupp tar-riżorsi ġenetiċi fl-agrikoltura, inkluż għal riżorsi mhux indiġeni, għal operazzjonijiet mhux koperti mid-dispożizzjonijiet skont il-punti (208) sa (219) tat-Taqsima 1.1.5.1. tal-Parti II ta' dawn il-Linji Gwida.”;

(20) wara l-punt (672), jiddaħħal il-punt (672 a) li ġej:

“(672a) L-infrastruttura installata b'riżultat ta' dimostrazzjoni tista' tintuża wara li titlesta l-operazzjoni.”;

(21) fil-punt (673), tiżdied it-tielet sentenza li ġejja:

“Madankollu, l-ġhajjnuna għat-taħriġ tal-konsulenti tista' titħallas lill-Awtorità ta' Ġestjoni msemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 65(2) tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013.”;

(22) fil-punt (681), it-tieni sentenza hija sostitwita b'dan li ġej:

“L-ġhajjnuna trid titħallas lill-fornitur tas-servizzi konsultattivi jew lill-Awtorità ta' Ġestjoni msemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 65(2) tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013.”;

(23) It-titolu tat-Taqsima 3.8 tal-Kapitolu 3 tal-Parti II huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Ġhajjnuna għal parteċipazzjoni ta' bdiewa attivi fi skemi tal-kwalità għall-qoton jew l-oġġetti tal-ikel”;

(24) il-punt (685) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(685) Il-Kummissjoni se tqis l-ġhajjnuna għall-partiċipazzjoni l-ġdida, jew il-partiċipazzjoni fil-ħames snin preċedenti, tal-bdiewa attivi fi skemi tal-kwalità għall-qoton jew l-oġġetti tal-ikel bħala kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikolu 107(3)(c) tat-Trattat jekk tikkonforma mal-prinċipji komuni tal-valutazzjoni ta' dawn il-Linji Gwida, mad-dispożizzjonijiet komuni applikabbli għall-Kapitolu 3 tal-Parti II ta' dawn il-Linji Gwida u mal-kundizzjonijiet li ġejjin.”;

(25) fil-punt (688), tiżdied it-tieni sentenza li ġejja:

“Jekk il-partiċipazzjoni inizjali fl-iskema tal-kwalità bdiet qabel l-applikazzjoni għall-appoġġ, il-perjodu massimu ta' ħames snin għandu jonqos bl-għadd ta' snin, li għaddew bejn dik il-partiċipazzjoni inizjali u l-mument tal-applikazzjoni għall-appoġġ.”;

(26) il-punt (709) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(709) Ħlief fil-każ fejn l-ġhajjnuna tingħata fil-forma ta' strumenti finanzjarji, l-ispejjeż diretti skont il-punt (708) (d) iridu jkunu limitati għall-ispejjeż eliġibbli ta' ġhajjnuna għall-investimenti, kif speċifikat fil-punti (635) u (636).”;

(27) il-punt (716) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(716) L-ġhajjnuna tista' tingħata biex tkopri biss l-ispejjeż li ġejjin:

(a) l-ispejjeż amministrattivi tal-istabbiliment tal-fond reċiproku, mifruxin fuq perjodu massimu ta' tliet snin b'mod digressiv;

(b) l-istokk kapitali inizjali tal-fond reċiproku.”;

(28) il-punt (717) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(717) L-Istati Membri jistgħu jillimitaw l-ispejjeż eliġibbli billi japplikaw il-limiti massimi għal kull fond.”;

(29) il-punt (718) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(718) L-ġhajjnuna trid tkun limitata għal 70 % tal-ispejjeż eliġibbli.”.
